31999R2256

26.10.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 275/13

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 2256/1999

**tal-25 ta' Ottubru 1999**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1621/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward ta' l-għajnuna għall-kultivazzjoni ta' l-għeneb għall-produzzjoni ta' ċerti varjetajiet ta' l-għeneb imqadded**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessat ([1]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2199/97 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1621/1999 tat-22 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 fir-rigward ta' l-għajnuna għall-kultivazzjoni ta' l-għeneb biex jiġu prodotti ċerti varjetajiet ta' l-għeneb imqadded ([3]) jiffissa l-limitu taż-żmien għall-konklużjoni ta' kuntratti għas-sena tas-suq 1999/2000 fil-15 ta' Ottubru 1999. Dak il-limitu taż-żmien issa ġie ppruvat li huwa qasir wisq, b'mod partikolari f'ċerti reġjuni tal-Komunità fejn m'hemm l-ebda organizzazzjonijiet tal-produtturi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-limitu ta' żmien f'dan il-każ għandu jitreġġa lura lejn il-1 ta' Novembru 1999;

(2) il-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1621/1999 huwa b'hekk mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) il-kuntratti kif hemm disposizzjoni dwarhom fl-Artikolu 5 għandhom jiġu iffirmati mill-produtturi jew mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi dawk li hemm referenza dwarhom fi (a) t'hawn fuq, u l-proċessaturi li jkunu ppreżentaw l-applikazzjonijiet għad-dħul fid-*database*; kuntratti għas-snin ta' suq 1999/2000 u 2000/01 għandhom jiġu konklużi sa l-1 Novembru 1999 u sa l-1 ta' Settembru 2000 rispettivament."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandhu jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ottubru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 29.
([2]) ĠU L 303, tas-6.11.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 192, ta' l-24.7.1999, p. 21.